

3) L-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għandu jiġi interpretat fis-sens li d-differenzi proċedurali bejn il-leġislazzjonijiet taż-żewġ Stati, bħall-iżvolġiment tal-proċess *in camera* minn ġudikanti speċjalizzati, huma suġġetti għall-interessi superjuri tal-minuri fis-sens ta' tali dispożizzjoni [tad-dritt tal-Unjoni]?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 6, p. 243).

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-576/18)

(2018/C 399/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky, D. Recchia, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad- 29 ta' Marzu 2012 fil-Kawża C-243/10, dwar l-irkupru mingħand il-benefiċjarji tal-għajnuna li ġie deċiż li hija illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/854/KE <sup>(1)</sup> tat-2 ta' Lulju 2008, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha bis-saħħa tal-imsemmija deċiżjoni u tal-Artikolu 260 TFUE;
- tikkundanna lir-Repubblika Taljana tħallas lill-Kummissjoni somma fdaqqa, li l-ammont tagħha jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' ammont ta' kuljum ta' EUR 13 892,00bin-numru ta' jiem ta' persistenza tal-ksur, b'minimu ta' EUR 8 715 000, li jibdev jgħoddu mill-jum tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-243/10 sal-jum tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża;
- tikkundanna lir-Repubblika Taljana tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penali kkkalkolati fuq bażi semestrali u stabbiliti mill-Kummissjoni għal EUR 126 840 għal kull jum, li jibdev jgħoddu mis-semestru ta' wara d-data tas-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża;
- tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/854/KE tat-2 ta' Lulju 2008 dwar l-iskema ta' għajnuna Liġi reġjonali nru 9 tal-1998 – applikazzjoni abbużiva tal-għajnuna N 272/98 C 1/04 (eks NN 158/03 u CP 15/2003) (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2997) (ĠU 2008, L 302, p. 9), tikkonstata li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni mogħtija mill-Italja hija illegali u inkompatibbli mas-suq komuni u tordna l-irkupru tagħha.

Permezz tas-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu 2012, mogħtija fil-Kawża C-243/10, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi ma adottatx fit-termini stabbiliti l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tagħha l-għajnuna mogħtija fil-kuntest tal-iskema li tirreferi għaliha l-imsemmija deċiżjoni, l-Italja kienet naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha bis-saħħa ta' din tal-aħħar.

Iktar minn sitt snin wara l-għoti ta' din is-sentenza u minkejja l-bosta talbiet tal-Kummissjoni lill-Gvern Taljan, parti kbira minn din l-għajnuna għadha ma ġietx irkuprata. L-argumenti tal-Gvern Taljan f'dan ir-rigward, b'mod partikolari marbuta ma' tilwim nazzjonali pendenti, ma jikkostitwixxux ġustifikazzjoni valida għal dan in-nuqqas li tittieħed azzjoni. Għaldaqstant, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, l-Italja għadha ma rkupratx l-integralità tal-għajnuna mħallsa u ma kkonformatx b'mod sħiħ mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-Kawża C-243/10.

Il-Kummissjoni titlob, għalhekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tikkonstata li l-Italja kisret l-Artikolu 260 TFUE u tikkundannaha tħallas somma f'daqqa flimkien ma' pagamenti ta' penalità sakemm tikkonforma b'mod sħiħ mas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-243/10.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 dwar l-iskema ta' għajjnuna Liġi reġjonali nru 9 tal-1998 – applikazzjoni abbużiva tal-għajjnuna N 272/98 C 1/04 (eks NN 158/03 u CP 15/2003) (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2997) (ĠU 2008, L 302, p. 9).

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 minn Buonotourist Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-11 ta' Lulju 2018 fil-Kawża T-185/15, Buonotourist vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-586/18 P)**

(2018/C 399/34)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Buonotourist Srl (rappreżentanti: M. D'Alberti, L. Visone, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Associazione Nazionale Autotrasporto Viaggiatori (ANAV)

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata
- tiddikjara, skont l-Artikoli 263 TFUE u 264 TFUE, li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Jannar 2015, fil-proċedura dwar għajjnuna mill-Istat Sa.35843 (2014/c) (ex 2012/NN) (għal EUR 1 111 572,00), hija kompletament nulla u mingħajr effett sa fejn tqis li l-ammonti rrikonoxxuti bħala kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 (kumpens taħt l-Artikolu 11 għal obbligu marbut ma' tariffa fis-settur tat-Trasport Pubbliku Lokali) <sup>(1)</sup>, għandha titqies li hija miżura mhux innotifikata li tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li hija inkompatibbli mas-suq intern.
- tiddikjara, skont l-Artikoli 263 TFUE u 264 TFUE, li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Jannar 2015 fil-proċedura dwar għajjnuna mill-Istat Sa.35843 (2014/c) (ex 2012/NN) (għal EUR 1 111 572,00) hija kompletament nulla fil-parti fejn tadotta miżuri operattivi għall-irkupru tal-għajjnuna mill-Istat Taljan. Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti minn Buonotourist s.r.l..

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha l-appellanti tinvoka ħames aggravji għall-annullament tas-sentenza appellata:

**I. Żball fis-sentenza appellata fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kumpens inkwistjoni bħala “għajjnuna ġdida”**

Il-kumpens mogħti lir-rikorrenti huwa r-riżultat ta' sentenza li tikkonstata d-dritt inkwistjoni adottata mill-Consiglio di Stato [il-Kunsill tal-Istat] fl-2009, abbażi tar-Regolament 1191/1969, għal obbligu ta' servizz pubbliku ta' tariffa. Tali sentenza, fid-dawl tal-importanza tagħha, qatt ma setgħet tiġi interpretata bħala li tistabbilixxi miżura ta' kumpens peress li din kienet sempliċement dikjaratorja.